# EPIGRAMMI

*Ta'* V. Caruana

### MINN FUQ GHAL ISFEL

L-imgħallem għajjat mal-lavrant li meta
Id-dar mar irrabjat, ta xebgħa 'l mara.
Bin-nervi l-mara mbagħad lit-tifel sawtet
U t-tifel ta 'l-qattus bis-sieq fuq wara.

### L-GHALLIEM POETA

Bl-għasafar fil-ventilatur tal-klassi
Ipespsu jpespsu, ma stajt ngħallem xejn,
U għalkemm jien qalbi tfur għall-poeżija
L-għasafar xtaqt li nifqa mill-griżmejn.

### HUWA U HIJA

Iltaqgħu f' "dance". Talabha tiżfen miegħu,
U għamlu lejl jedhew fix-xorb u ż-żfin.
Xħin ħargu ftiehmu biex jiltaqgħu l-għada
Bla ma staqsew x'jisimhom lil xulxin.

### DAHKA

Paul kien spiss jara 'l Jane lejh tħares b'daħka
U qallha: "Int tidħakli għax trid illi
Inkellmek?" Wieġbet hi: "Jien mhux nidħaklek
Kont, iżda nidħak bik; ħmar, imbeċilli!"

### SKORJA

Eluf ta' nies iħarsu waqt li l-"player"
Kien bil-ballun quddiem il-lasti sewwa.
Siequ xejjirha u skorja "goal" bil-għaqal
Għax iż-żarbuna taret dritt għal ġewwa.

### IN-NISA U L-IRCIEL

Smajt tfajla tgħid li mara taf tħobb iktar
Minn raġel. Mela għalie̥x fil-kanzunetti
Hu r-raġel li tifħir jagħti lill-mara
U rari viċi versa? Trid tammetti!



# RECENSJONIJIET

## "THE MALTA DIRECTORY AND TRADE INDEX — 1958-1959.

Malta Publicity Services Ltd. Valletta. — 1957.

Is-sena l-oħra meta qrajna t-tieni numru ta' "The Malta Directory", dehrilna li dan il-ktieb ma setax ikun aħjar. Dan kien żball għax l-ediz-zjoni ta' din is-sena sebqet lil dik tas-sena l-oħra u d-direttorju ta' l-1958-59 irnexxa isbaħ, aħjar, aktar eleganti u aktar informattiv, hekk li jifforma ktieb li ma jistgħux igħaddu mingħajru n-nies tal-pinna u n-nies tan-negozju.

Professjonisti, nies tal-knisja, negozjanti, letterati, artisti, bank-jeri u skrivani jsibu f'dan id-direttorju għajn ta' tagħrif, aħbarijiet u informazzjoni li mingħajr dan il-ktieb kienu jridu jdumu żmien twil ifittxu f'bosta kotba u pubblikazzjonijiet mxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Dan hu vantaġġ kbir għax il-lum l-attivitajiet soċjali u kummerċjali huma mexjin b'ħeffa tant kbira li ma jippermettux jintilef żmien fir-riċerki u għalhekk min ikollu dan il-ktieb fl-uffiċċju tiegħu jkollu mezz biex javanza l-attivitajiet tiegħu. B'dan id-direttorju wieħed ikollu kuntatt kontinwu ma' elementi industrijali,, finanzjarji,, professjonali u ammi-nistrattivi tal-Gżira u għalhekk jiffaċċilita t-transazzjonijiet tiegħu.

Għall-konvenjenza ta' min jikkonsultah, dan id-direttorju hu mqas-sam fi tliet sezzjonijiet: tagħrif ġenerali, indiċi kummerċjali u Gvern u uffiċini. Kull waħda minn dawn id-diviżjonijiet fiha miġburin tagħlim u tagħrif dwar dak kollu li jolqot jew li għandu x'jaqsam mas-suġġett. Dan it-tagħrif hu elenkat tant bis-għaqal li wieħed jista' jsibu bla taħ-bit ta' xejn, mhux bħal xi pubblikazzjonijiet oħra simili li biex wieħed isib fihom dak li jeħtieġ irid idum ħafna żmien iqalleb il-folji u jħabbel moħħu.

L-informazzjonijiet li wieħed isib f'dan il-ktieb huma eżatti u awto-revoli u up-to-date. Wieħed jista' joqgħod fuqhom bla biża' li jiżbalja. Hemm ukoll statistiċi li jiswew wisq għal kalkoli ekonomiċi jew indus-trjali, fil-waqt li l-indiċi tal-kummerċjanti jiġbor fih kull min hu fin-negozju kbir jew żgħir. Għall-ħeffa tar-riferenza n-negozji differenti huma elenkati flimkien biex wieħed jista' jieħu idea ta' l-estensjoni tan-negozju li jkun.

Dan il-ktieb ma hux direttorju biss imma hu ktieb tax-xjenza u ta' koltura wkoll għax fih artikoli u kontribuzzjonijiet fuq suġġetti xjentifiċi, kulturali u soċjali miktubin minn awtoritajiet li l-kitba tagħ-hom fiha valur uniku u ta' interess ġenerali. Il-qari ta' dawn l-artikoli fih gost u profitt li jissodisfa lill-qarreja intelliġenti u inġenjużi.

Din il-pubblikazzjoni tagħmel ġieħ lil Malta u ġid lill-kummerċ ta' pajjiżna, taġevola lin-negozjanti Maltin, tissodisfa lill-klassi kolta u tiftaħ relazzjonijiet kummerċjali bejn is-swieq ta' Malta u stranjeri u